# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 2*

***6.00p.m 16 ta' Lulju 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku<br>
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku<br>
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier<br>
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier<br>
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier<br>
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier<br>
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *2.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

2.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

53.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 1 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

2.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġranet kellem lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill kif ukoll dawk tal-IPSL fejn ra x-xogħol li qed isir u li jista' jsir fil-futur madwar il-lokalita'. Matul l-istess perjodu talab laqgħat mall-Membri Parlamentari tal-ewwel distrett kif ukoll mall-Ispettur fejn personalment xtaq li ssir laqgħa bejn il-Membri tal-Kunsill u l-Ispettur, is-Supratendent tad-Distrett u l-RIU.

## *2.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

2.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jixtieq isaqsi ftit mistoqsijiet dwar l-infurzar fuq il-korsa taż-żwiemel, jekk l-Onorevoli Deo Debattista hux ser jgħin fit-tindif tal-lokalita' u jekk l-trenchment tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hux ser tiżdied biex jirrifletti ż-żieda tal-Kunsill kif inhu attwalment. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tkellem mas-Sur Raymond Zammit sabiex isir infurzar mhux fiż-żona tal-korsa biss imma anke f'postijiet bħal Triq Mattew Callus u Triq San Bernard. Dwar l-Onorevoli Debattista, s-Sindku qal li l-Kunsill ser ikun qed jitlob laqgħa sabiex dawn it-temi jiġu diskussi bħala Kunsill. Finalment għal-mistoqsija dwar l-allokazzjoni finanzjarja, s-Segretarju Eżekkuttiv ikkonferma li min email li għandhu mid-Diretttur tad-Dipartimet tal-Gvern Lokali li għal din is-sena l-allokazjoni mhix ser tiżdied, iżda ż-żieda ser tiġi riflessa mis-sena d-dieħla.

2.4.2 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri qal li fi Triq Fra Diegu hemm bżonn infurżar minħabba li hemm sitwazzjoni inaċċettabli u l-Kunsill ma jistgħax jibqa' jiġi umiljat b'dan il-mod. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel li dan huwa l-każ u li hemm bżonn li l-Ispettur jkun infurmat b'din u sitwazzjonijiet oħra. Fost il-każijiet oħra hemm it-Trailors fis-service road ta' Paul & Rocco.

2.4.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li l-issue tal-infurzar huwa importanti anke fiż-żona ta fejn toqgħod hi, fejn f'Qormi Road hemm ħanut li jħott u jdaħħal ix-xogħol fis-sigħat bikrin ta' filgħodu.

2.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa jistenna li l-Ispettur għandhu jieħu azzjoni immedjata fuq dawn l-irregolaritajiet u mhux il-Kunsill ikollu jistenna laqgħa mall-Ispettur. Huwa semma is-sitwazzjoni tat-trailors barra li dawn suppost jiddaħħlu ġol garaxxijiet matul il-lejl. Huwa ilmenta diversi drabi mall-Ispettur iżda s'issa qatt ma sar xejn. Huwa jemmen li l-Kunsill għandhu jerġa jinforma lill-Ispetttur b'mod immedjat għax fejn hemm dawn l-irregolaritajiet huma jistgħa jaġixxu mill-ewwel. Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dawn il-proposti.

2.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li innotta li hemm diversi rampi li mhumiex aċċessibbli għall-persuni anzjani. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li japprezza jekk il-Kunsillier jindika f'email dawn il-postijiet li ra.

2.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fi Sqaq fejn il-Menqa hemm taraġ li jinsab fi stat ħażin ħafna u qiegħed ta' perikolu għal kull min jgħaddi mill-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li dan it-taraġ jitranġa.

2.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fiż-żona tal-korsa l-iskart qiegħed jinġabar kmieni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa tkellem mall-kuntrattur b'din il-problema u l-kuntrattur qal li huwa qed jiġi kmieni minħabba dawk li jkollho il-bhejjem u kemm il-darba kienu aġġressivi meta jasal tard. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li ż-żona hija waħda partikolari. Wara diskussjoni s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx qbil biex ir-residenti tal-akwata biss jiġu nfurmati li l-ġbir tad-demel jibda' jsir fis-7.30a.m minflok fit-8.00a.m. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab lill-Kunsill sabiex issr xi ħaġa konkreta dwar il-problema tal-iskips li hemm fil-korsa speċjalment dwart il-bdil tal-ħinijiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dawn l-iskips huma tal-kuntrattur tal-WasteServ u jingħata bla ħlas lill-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku tkellem mall-Kap Eżekkuttiv tal-WasteServ is-Sur Tonio Montebello sabiex jiċċara ċertu affarijiet fosthom il-qabża fil-kwalita' tas-servizz bejn il-kuntrattur attwali u dak preċedenti speċjalment minħabba l-fatt li l-kuntrattur attwali qed jwaqqa ħafna skart meta jiġbor l-iskips u jpoġġihom fuq kulxin. Is-Sindku ser ikun qed jitlob laqgħa mas-Sur Tonio Montebello fuq din l-issue kif ukoll oħrajn.

2.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li l-knis fiż-żona tal-korsa mhux qed jkun konsistenti. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-knis fl-akwata jsir b'roster. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser jkun qed jiġbed għall-attenzjoni tal-kuntrattur.

2.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal jekk il-Kunsill kellux xi risposta dwar il-ħajt perikoluż li hemm fi Triq il-Ġerrejja. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fi ftit ijiem ilu perit tal-Gvern cemplet il-Kunsill u qaltilna li ser tibgħatilna rapport, liema rapport irid jintbgħat lill-Pulizija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li suppost rapport bħal dan, peress li hija struttura perikoluza, setgħu jieħdu azzjoni fuqha l-Pulizija b'mod immedjat.

2.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' patching fi Triq is-Serkin peress li hemm toqba kbira u perikoluza. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kien ilu

madwar sena jressaq dan l-ilment lill-Kunsill iżda s'issa ma saritx. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardiqal li dan il-patching jista' jsir b'direct order jew jista' jkellem lill-Ing. Robert Schembri ta' Infrastructure Malta sabiex jara jekk tistgħax issir min naħa tagħhom.

2.4.12 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri qal li r-residenti ta' Albertown qed jilmentaw bis-sitwazzjoni tal-grit blasting fl-akwata u bl-irwejjaħ insapportabbli li ġejjin mill-inċineratur. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm bżonn li nitkellmu mas-Sur Tonio Montebello, l-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija WasteServ sabiex ikun hemm direzzjoni dwar x'jista jsir aktar biex din il-problema kontinwa tiġi solvuta.

2.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li fejn qed isiru l-flyovers qed jiġi ġġenerat ħafna trab. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tkellem ma Infrastructure Malta u l-Ing. Robert Schembri qal li t-triq ser tkun qed tinkines regolarment. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer talab sabiex f'din il-korrispondenza jiġi inkluż il-Ministru tal-Ambjent. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi aċċetta din il-proposta.

2.4.14 il-Kunsillier s-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li hemm ħafna barranin li qed jarmu l-iskart wara l-ħin li dan suppost jinġabar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li saru flyers bil-għan li dawn jiġu mqassma f'postijiet hekk sabiex il-Kunsill ikompli jżid għarfien dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Fl-istess ħin il-Kunsill qed jitlob għal aktar infurzar.

2.4.15 Il- Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk fuq l-infurzar is-sistema tal-LESA mhix waħda effettiva għaliex m'għandhomx biex jaħdmu hemm bżonn li l-Kunsill isib soluzjoni. Huwa qal li fl-imgħoddi fl-leġislaturi oħra huwa dejjem semma' l-bżonn li jkun hemm security privati li jduru l-lokalita' u jsiru rapporti lill-Pulizija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa teoretikament favur iżda wieħed irid jara kemm ser tkun tiswa' lill-Kunsill. Huwa qal li din l-item ser titla' fis-seduta li jmiss u sadanittant niċċekajw mad-Dipartiment jekk effettivament nistgħux nagħmlu dan.

2.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab jekk il-Kunsill għandhux xi statistika tal-kriminalita' fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser jitlob lill-Ispettur jkollu f'idejh l-istatistika qabel sabiex din tiġi ppreżentata waqt il-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mall-Pulizija.

## *2.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

2.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 07/2019 annessa. Wara li ħaddmill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *2.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

2.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva talba mis-Soċjeta' Mużikali Banda Marija Reġina fejn qed jistaqsu l-Kunsill jekk hux interessat jirreklama fil-Ktieb tal-Festa

2019 li jiswa €250. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ Ċirkulari Numru 10/2019 dwar id-Devoluzjoni Lokali ta' Memo 1999 fejn qed jistaqsu l-Kunsill Lokali jekk humiex interessati jkollhom propjetajiet tal-Gvern li jistgħu jiġu utilizzati aħjar.

2.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li sabiex il-Kunsill ikompli jtejjeb is-servizz tal-Live Streaming ser ikollu nefqa ta' €1,416. Wara li ħadd mill-Membri tal-Kunsill ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser tniedi programm ta' qari ta' stejjer, kant u taqlibiet għal tfal sa tlett snin u bla ħlas. Qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li joffri spazju fejn isiru dawn is-sezzjonijiet fil-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa bgħatet l-awgurju tagħha lill-Kunsill il-ġdid u ħeġġet il-Kunsill sabiex flimkien issir ħidma f'kull qasam u l-Għaqda twiegħed l-għajnuna tagħha għall-proġetti li ser jwettaq il-Kunsill. L-Għaqda qed titlob ukoll biex tagħmel użu mis-Sala tal-Kunsill biex isiru taħdidiet fuq suġġetti varji tal-istorja u kultura. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li Transport Malta qegħda tapprova loading/unloading bay fi Triq it-Tigrija. Wara diskussjoni qasira dwar jekk kienx il-Kunsill fil-leġislatura preċedenti li approva din loading/unloading bay, is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jivverifika jekk il-Kunsill kienx approva dan fl-imgħoddi.

2.6.7 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija reġina qed jifraħ lill-Kunsill il-ġdid. Sadanittant peress li l-Festa qegħda toqrob jixtiequ jressqu xi punti mall-Kunsill. L-ewwel huwa reklam ta' €250, t-tieni li jsiru sitt toqob fl-art għall-arbli tal-festa u finalment qed jitolbu jekk tistgħax tiċċaqlaq gabbaba li tkun eżatt ħdejn il-każin. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill jaqbel mat-talbiet tal-Għaqda, iżda ser ikun hemm bżonn ta' aktar diskussjoni għat-talba ta' kif tista' tersaq il-gabbana. B'hekk din it-tema ser tkun qed titla fis-seduta li jmiss. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

2.6.8 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva qed iniedi premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja. L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-website u huma miftuħa sas-7 t'Awissu 2019.

## *2.7 Tqassim tad-Dekasteri*

2.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar granet kellu l-opportunita' li jitkellem mall-Kunsilliera kollha sabiex flimkien magħhom jiddiskuti d-dekasteri. Huwa qal wkoll li l-Kunsill poġġa fuq il-mejda kopja tal-Artiklu 363 dwar il-Kunsilli Lokali kif ukoll kopja tal-Kodiċi t' Etika għal kull Kunsillier. Id-dekasteri huma hekk;

Sindku s-Sur Josef Azzopardi - Proġetti, Kultura, Edukazzjoni u Indafa
Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri - Ambjent, Infrastruttura u Sigurta' Lokali
Kunsillier s-Sur Francis Debono – Komunitajiet, Qasam Soċjali, Ġonna u l-Integrazzjoni Soċjali
Kunsillier is-Sur Colin Pace - Innovazzjoni u ż-Żona tal-Korsa
Kunsillier is-Sur Dominic Spencer – Twinning, Sport u attivitajiet fiżiċi, attivitajiet oħra.
Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina – Iż-żgħazagħ u t-tfal u l-ħarsien tal-Annimali
Kunsillier is-Sur Joseph Lia - L-Anzjani, Peruni b'Diżabilita' u Lifelong Learning

2.7.2 Finalment is-Sindku qal li xtaq jgħid kelmtejn dwar il-proġett '*Snapshot on the Borders'* li l-Kunsill qiegħed jagħmel flimkien mall-NGO Kopin. Huwa qal li peress li jista' jkun hemm xi opportunitajiet ta' safar huwa jixtieq jara li kulħadd ikollu opportunita' li jieħu sehem attiv f'dawn l-inizjattivi ta' safar.

## *2.8 Deċiżjoni dwar Tender Collection of Manure from the Marsa Racecourse*

2.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi dwar x'direzzjoni ser jieħu dwar it-tender tal-ġbir tad-demel mill-korsa tal-Marsa. Huwa qal li minkejja r-raġunijiet validi li kellu l-Kunsill Lokali sabiex jagħzel il-kuntrattur li xtaq, il-Qorti ddeċidiet mod ieħor u saħqet li hemm bżonn li ssir evalwazzjoni mill-ġdid b'membri ta' evalwazzjoni indipendenti mill-Kunsill. Wara Diskussjoni fost il-Membri preżenti ġie miftieħem li ser terġa ssir evalwazzjoni ta' dan it-tender. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *2.9 Użu tal-Mini Pitch*

2.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li qed jidħlu diversi persuni jitolbu l-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jużaw l-Mini Pitch li ġie jiswa lill-Kunsill madwar €65,000 sabiex jiġi rranġat. B'hekk il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni dwar min u kif persuni jistgħu jużawh. Sadanittant, is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi beda' jaqra l-abbozz tal-ftehim li l-Kunsill għandhu mall-Marsa Football Club flimkien mad-Dipartiment tal-Artijiet.Wara diskussjoni ġie miftiehem l-użu tal-mini pitch irid jkun b'xejn għan nies tal-lokal filwaqt li jkun b'donation għall-persuni barra mill-lokal. Il-Kunsill għandhu bżonn jagħmel laqgħa ma Membri tal-Marsa Football Club sabiex jiġu miftiehma ċertu kundizzjonijiet u li bihom norbtu għal sena l-Football Club. Ġie miftiehem ukoll li jekk ikun hemm xi bidliet fil-proposti dawn hemm bżonn li jerġaw jitilgħu għad-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien uanimu.

2.9.2 Fuq nota separata s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal ukoll li fid-dawl ta' inċertezza dwar jekk l-Iskola Tereża Nuzzo qed tagħmel xi forma ta' qliegħ mill-użu tal-mini pitch, huwa ser jinvestiga personalment wara li l-kap tal-iskola tiġi lura mis-safar.

## *2.10 Ħruġ ta' Tender Pavement and Anciliary Works*

2.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lill-Membri tal-Kunsill li t-tender għall-manutenzjoni tal-bankini ser jagħlaq fil-ġranet li ġejjin u ser ikun hemm bżonn li l-Kunsill joħroġ tender permezz tas-sitema ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot kien unanimu.

## *2.11 Sitwazzjoni dwar it-Tender Cleaning and Maintenance of Public Gardens.*

2.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kuntrattur li għandhu f'idejħ it-tender għall-indafa u l-manutenzjoni tal-ġonna jinsab f'sitwazzjoni ta' saħħa li mħix qed tippermettilu li jkompli dan it-tender.Wara diskussjoni fost il-Membri preżenti ġie deċiż li filwaqt li l-Kunsill jaċċetta li dan it-tender jerġa joħroġ huwa importanti li sakemm joħroġ tender ġdid u jsir il-kuntratt mall-kuntrattur il-ġdid, il-kuntrattur preżenti ser ikun marbut li jkompli dan it-tender. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *2.12 Ħruġ ta' Tender Street Cleaning Services*

2.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li t-tender tal-knis ser ikun qed jagħlaq u b'hekk il-Kunsill ser ikollu joħroġ tender mill-ġdid. Wara li ħadd ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *2.13 Ħruġ ta' Tender Contracts Manager*

2.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill mistenni joħroġ sejħa għas-servizz ta' Contracts Manager. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti xi ftit dettalji ta' din is-sejħa. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett kien hemm qbil li din it-tema ser titla' f'seduta oħra.

## *2.14 Proposal Marsa Local Council Waste Management 2019-2021*

2.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara li saret evalwazzjoni tal-proposti li bgħatu ż-żewġ kumpaniji lokali fis-settur tal-iskart riċiklat, dawk tal-GreenMT u l-GreenPak ġie deċiż li l-aħjar operaturi huma l-GreenPak li attwalment għandhu market share fil-pajjiż ta' 70 fil-mija tal-lokalitajiet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *2.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

53.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.15pm u ġiet aġġornata għat-8 t'Awissu fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 8 t'Awissu, 2019